



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarjiet Ekonomiċi u Monetarji  
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2013/0024(COD)**

11.12.2013

# **EMENDI 46 - 145**

**Abbozz ta' rapport  
Mojca Kleva Kekuš, Timothy Kirkhope  
(PE523.016v01-00)**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi

Proposta għal regolament  
(COM(2013)0044 – C7-0034/2013 – 524.601(COD))

AM\_Com\_LegReport

**Emenda 46**  
**Kyriacos Trianaphyllides**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) **Il-flussi** ta' flus minn sorsi illegali permezz ta' trasferimenti ta' fondi **jistgħu jagħmlu ħsara lill-istabbiltà u lir-reputazzjoni tas-settū** finanzjarju u **jheddu s-suq intern.** It-terroriżmu **jheżżeż is-sisien** infushom tas-soċjetà tagħna. Is-sahħha, l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema ta' trasferimenti ta' fondi **u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja, mill-aspett globali tagħha,** jistgħu jiġu pperikolati serjament bl-isforzi tal-kriminali u s-soċċi tagħhom sabiex jgħattu l-oriġini ta' rikavat kriminali jew sabiex jittraferixxu fondi għal skopijiet terroristiċi.

*Emenda*

(1) **L-intraċċar tal-flussi** ta' flus minn sorsi illegali permezz ta' trasferimenti ta' fondi, **jikkostitwixxi miżura kruċċjali fost l-oħrajn fil-ġlieda kontra l-koruzzjoni, il-kriminalità u t-terroriżmu organizzat, kif il-profitt** finanzjarju u **t-tentativ sussegamenti sabiex jaħbu l-oriġini vera tad-dħul kriminali huma l-mutur prinċipali għall-gruppi tal-kriminalità organizzata.** **Il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-koruzzjoni jistgħu jkunu ta' ħsara għall-istituzzjonijiet demokratiċi u jheżżeż is-sisien** infushom tas-soċjetà tagħna. Is-sahħha, l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema ta' trasferimenti ta' fondi jistgħu jiġu pperikolati serjament bl-isforzi tal-kriminali u s-soċċi tagħhom sabiex jgħattu l-oriġini ta' rikavat kriminali jew sabiex jittraferixxu fondi għal **attivitàjet kriminali jew għal** skopijiet terroristiċi.

Or. en

**Emenda 47**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini, Eva Joly**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-flussi ta' flus **minn sorsi illegali permezz ta' trasferimenti ta' fondi jistgħu jagħmlu ħsara lill-istabbiltà u lir-reputazzjoni tas-settū finanzjarju u jheddu s-suq intern.** **It-terroriżmu** jheżżeż is-sisien infushom tas-soċjetà tagħna. Is-

*Emenda*

(1) Il-flussi **massivi** ta' flus **illeċċi** jagħmlu ħsara **lill-istruttura,** lill-istabbiltà u lir-reputazzjoni tas-settū finanzjarju u jheddu s-suq **uniku kif ukoll l-iżvilupp internazzjonali, u t-terroriżmu** jheżżeż is-sisien infushom tas-soċjetà tagħna. **Il-**

saħħa, l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema ta' trasferimenti ta' fondi u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja, mill-aspett globali tagħha, ***jistgħu*** jiġu pperikolati serjament bl-isforzi tal-kriminali u s-soċċi tagħhom sabiex jgħattu l-oriġini ta' rikavat kriminali jew sabiex jittrasferixxu fondi għal skopijiet terroristiċi.

*faċilitaturi kruċjali tal-flussi tal-flus il-leċċi huma l-istrutturi korporattivi sigrieti li joperaw fi ħdan u permezz ta' ġurisdizzjoni sigrieta, spiss imsejħa wkoll bħala refuġji fiskali.* Is-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema ta' trasferimenti ta' fondi u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja, mill-aspett globali tagħha, ***qed*** jiġu pperikolati serjament bl-isforzi tal-kriminali u s-soċċi tagħhom sabiex jgħattu l-oriġini ta' rikavat kriminali jew sabiex jittrasferixxu fondi għal skopijiet terroristiċi.

Or. en

#### Emenda 48

Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini, Eva Joly  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 2

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Sabiex jiffaċilitaw l-attivitàajiet kriminali tagħhom, dawk li jwettqu l-ħasil tal-flus u jiffinanzjaw lit-terroristi ***jistgħu jippruvaw*** jieħdu vantaġġ mil-libertà tal-movimenti ta' kapital meħtieġa fiż-żona finanzjarja integrata, sakemm ma jiġux adottati ċerti miżuri ta' koordinament fil-livell tal-Unjoni. Permezz tad-daqs tagħha, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tiżgura li r-Rakkmandazzjoni 16 tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) dwar it-trasferimenti elettroniċi, adottata fi Frar 2012, tkun trasposta b'mod uniformi fl-Unjoni kollha, u, b'mod partikolari, li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn il-pagamenti nazzjonali fi Stat Membru u l-pagamenti transkonfinali bejn l-Istati Membri. Azzjoni mhux koordinata mill-Istati Membri waħedhom fil-qasam tat-trasferimenti transkonfinali tal-fondi jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-

###### *Emenda*

(2) Sabiex jiffaċilitaw l-attivitàajiet kriminali tagħhom, dawk li jwettqu l-ħasil tal-flus u jiffinanzjaw lit-terroristi ***qed*** jieħdu vantaġġ mil-libertà tal-movimenti ta' kapital meħtieġa fiż-żona finanzjarja integrata, sakemm ma jiġux adottati ċerti miżuri ta' koordinament fil-livell tal-Unjoni. Permezz tad-daqs tagħha, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tiżgura li r-Rakkmandazzjoni 16 tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) dwar it-trasferimenti elettroniċi, adottata fi Frar 2012, tkun trasposta b'mod uniformi fl-Unjoni kollha, u, b'mod partikolari, li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn il-pagamenti nazzjonali fi Stat Membru u l-pagamenti transkonfinali bejn l-Istati Membri. Azzjoni mhux koordinata mill-Istati Membri waħedhom fil-qasam tat-trasferimenti transkonfinali tal-fondi jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-

funzionament tajjeb tas-sistemi ta' pagament fil-livell tal-UE, u b'hekk tagħmel ħsara lis-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

funzionament tajjeb tas-sistemi ta' pagament fil-livell tal-UE, u b'hekk tagħmel ħsara lis-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

Or. en

#### Emenda 49

Sven Giegold, Rui Tavares  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) It-traċċabbiltà sħiħa tat-trasferimenti ta' fondi tista' tkun għoddha partikolarment importanti u valida fil-prevenzjoni, fl-investigazzjoni u fl-individwazzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Għalhekk huwa xieraq, sabiex tkun żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni tul il-katina kollha ta' pagament, li tiġi stabbilita sistema li timponi l-obbligu fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jiżguraw li t-trasferimenti ta' fondi jkunu akkumpanjati minn informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju.

*Emenda*

(6) It-traċċabbiltà sħiħa tat-trasferimenti ta' fondi tista' tkun għoddha partikolarment importanti u valida fil-prevenzjoni, fl-investigazzjoni u fl-individwazzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Għalhekk huwa xieraq, sabiex tkun żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni tul il-katina kollha ta' pagament ***mgħoddija mis-sistema finanzjarja***, li tiġi stabbilita sistema li timponi l-obbligu fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament li ***jirrapportaw informazzjoni fuq l-identità dwar it-trasferiment ta' fondi ċeduti f'isem il-klijenti tagħhom u li*** jiżguraw li t-trasferimenti ta' fondi jkunu akkumpanjati minn informazzjoni ***għall-awtoritajiet kompetenti*** dwar il-pagatur u l-benefiċjarju ***biex jiġi evitat li s-servizzi finanzjarji tagħhom jintużaw ħażin għal skopijiet ta' ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.***

Or. en

#### Emenda 50

Kyriacos Triantaphyllides

## Proposta għal regolament

### Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) It-traċċabbiltà sħiħa tat-trasferimenti ta' fondi tista' tkun għodda partikolarment importanti u valida fil-prevenzjoni, fl-investigazzjoni u fl-individwazzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Għalhekk huwa xieraq, sabiex tkun żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni tul il-katina kollha ta' pagament, li tiġi stabbilita sistema li timponi l-obbligu fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jiżguraw li t-trasferimenti ta' fondi jkunu akkumpanjati minn informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju.

*Emenda*

(6) It-traċċabbiltà sħiħa tat-trasferimenti ta' fondi tista' tkun għodda partikolarment importanti u valida fil-prevenzjoni, fl-investigazzjoni u fl-individwazzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Għalhekk huwa xieraq, sabiex tkun żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni tul il-katina kollha ta' pagament, li tiġi stabbilita sistema li timponi l-obbligu fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jiżguraw li t-trasferimenti ta' fondi jkunu akkumpanjati minn informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju, *li għandha tkun preċiża u aġġornata*.

Or. en

### Emenda 51

#### Sophia in 't Veld

## Proposta għal regolament

### Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta<sup>19</sup>. Pereżempju, dejta personali miġbura għall-fini ta' konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi pproċessata aktar b'mod li hu inkonsistenti mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, ipproċessar ulterjuri għal skopijiet kummerċjali għandu jkun strettament ipprojbit. ***Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-***

*Emenda*

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta<sup>19</sup>. Pereżempju, dejta personali miġbura għall-fini ta' konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi pproċessata aktar b'mod li hu inkonsistenti mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, ipproċessar ulterjuri għal skopijiet kummerċjali għandu jkun strettamente ipprojbit.

*terroriżmu hija rikonoxxuta bħala raġuni ta' interress pubbliku importanti mill-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, it-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiż terz li ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE għandu jkun permess skont l-Artikolu 26 (d) tal-istess Direttiva.*

---

<sup>19</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

---

<sup>19</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

Or. en

**Emenda 52**  
**Judith Sargentini, Rui Tavares**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. Pereżempju, dejta personali miġbura għall-finni ta' konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi pproċessata aktar b'mod li hu inkonsistenti mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, ipproċessar ulterjuri għal skopijiet kummerċjali għandu jkun strettament ipprojbit. *Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija rikonoxxuta bħala raġuni ta' interress pubbliku importanti mill-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, it-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiż terz li ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 25*

*Emenda*

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. Pereżempju, dejta personali miġbura għall-finni ta' konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi pproċessata aktar b'mod li hu inkonsistenti mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, ipproċessar ulterjuri għal skopijiet kummerċjali għandu jkun strettamente ipprojbit.

*tad-Direttiva 95/46/KE għandu jkun  
permess skont l-Artikolu 26 (d) tal-istess  
Direttiva.*

---

<sup>19</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

---

<sup>19</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

Or. en

**Emenda 53**  
**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jaapplikaw bla īxsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta<sup>19</sup>.  
Pereżempju, dejta personali miġbura għall-fini ta' konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tīgħi pproċessata aktar b'mod li hu inkonsistenti mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, ipproċessar ulterjuri għal skopijiet kummerċjali għandu jkun strettament ipprojbit. *Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija rikonoxxuta bħala raġuni ta' interress pubbliku importanti mill-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, it-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiż terz li ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE għandu jkun permess skont l-Artikolu 26 (d) tal-istess Direttiva.*

---

<sup>19</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

*Emenda*

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jaapplikaw bla īxsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta<sup>19</sup> *u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.* Pereżempju, dejta personali miġbura għall-fini ta' konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tīgħi pproċessata aktar b'mod li hu inkonsistenti mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, ipproċessar ulterjuri għal skopijiet kummerċjali għandu jkun strettamente ipprojbit.

---

<sup>19</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

**Emenda 54**  
**Kyriacos Trianaphyllides**

**Proposta għal regolament  
Premessa 7a (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija rikonoxxuta bħala motiv ta' interess pubbliku importanti mill-Istati Membri kollha, li fl-istess ħin huma impenjati b'mod sħiħ għall-ħarsien tal-libertajiet ċivili u d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet għall-privatezza, l-awtdeterminazzjoni informativa u l-protezzjoni tad-dejta; B'hekk il-prinċipji tan-neċċessità u l-proporzjonalità, kif stipulati fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, huma prinċipji ewlenin li jiżguraw li l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu tkun effettiva.*

**Emenda 55**  
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Premessa 9**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) Huwa xieraq li trasferimenti ta' fondi li jirrappreżentaw riskju żgħir ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu jkunu eskuži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn l-eskužjonijiet għandhom ikopru karti ta'

(9) Huwa xieraq li trasferimenti ta' fondi li jirrappreżentaw riskju żgħir ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu jkunu eskuži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn l-eskužjonijiet għandhom ikopru karti ta'

kreditu jew debitu, telefons ċellulari jew apparat diġitali jew ta' teknoloġija tal-informatika (IT) ieħor, irtirar ta' flus minn kaxxiera awtomatiċi (ATM), pagamenti ta' taxxi, multi jew imposti oħra, u trasferimenti ta' fondi fejn kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu forniti tas-servizzi ta' pagament, li jaġixxu f'isimhom stess. Minbarra dan, sabiex ikunu riflessi l-karatteristiċi speċjali tas-sistemi nazzjonali ta' pagament, huwa xieraq li l-Istati Membri jkollhom id-dritt li jeżentaw il-pagamenti elettroniċi "giro", sakemm ikun dejjem possibbli li t-trasferiment ta' fondi jiġi traċċat lura sal-pagatur. Madankollu, ma jrid ikun hemm l-ebda eżenzjoni meta jintużaw karta ta' debitu jew kreditu, telefon ċellulari jew apparat diġitali jew tal-IT ieħor li huwa mħallas minn qabel jew li jitħallas wara sabiex jiġi effettwat trasferiment minn persuna għal oħra.

kreditu jew debitu, telefons ċellulari jew apparat diġitali jew ta' teknoloġija tal-informatika (IT) ieħor, irtirar ta' flus minn kaxxiera awtomatiċi (ATM), pagamenti ta' taxxi, multi jew imposti oħra, u trasferimenti ta' fondi fejn kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu forniti tas-servizzi ta' pagament, li jaġixxu f'isimhom stess. Minbarra dan, sabiex ikunu riflessi l-karatteristiċi speċjali tas-sistemi nazzjonali ta' pagament, huwa xieraq li l-Istati Membri jkollhom id-dritt li jeżentaw il-pagamenti elettroniċi "giro", sakemm ikun dejjem possibbli li t-trasferiment ta' fondi jiġi traċċat lura sal-pagatur **u r-rimessi magħmul permezz ta' skambju ta' kontrolli tal-immaġni jew skambju ta' ittri**. Madankollu, ma jrid ikun hemm l-ebda eżenzjoni meta jintużaw karta ta' debitu jew kreditu, telefon ċellulari jew apparat diġitali jew tal-IT ieħor li huwa mħallas minn qabel jew li jitħallas wara sabiex jiġi effettwat trasferiment minn persuna għal oħra.

Or. fr

## Emenda 56

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini, Eva Joly**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Proposta għal regolament

#### Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Huwa xieraq li trasferimenti ta' fondi li jirrappreżentaw riskju żgħir ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn l-esklużjonijiet għandhom ikopru karti ta' kreditu jew debitu, telefons ċellulari jew apparat diġitali jew ta' teknoloġija tal-informatika (IT) ieħor, irtirar ta' flus minn kaxxiera awtomatiċi (ATM), pagamenti ta'

*Emenda*

(9) Huwa xieraq li trasferimenti ta' fondi li jirrappreżentaw riskju żgħir ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn l-esklużjonijiet għandhom ikopru karti ta' kreditu jew debitu, telefons ċellulari jew apparat diġitali jew ta' teknoloġija tal-informatika (IT) ieħor, irtirar ta' flus minn kaxxiera awtomatiċi (ATM), pagamenti ta'

taxxi, multi jew imposti oħra, u trasferimenti ta' fondi fejn kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu forniti tas-servizzi ta' pagament, li jaġixxu f'isimhom stess. Minbarra dan, sabiex ikunu riflessi l-karatteristiċi specjalji tas-sistemi nazzjonali ta' pagament, huwa xieraq li l-Istati Membri jkollhom id-dritt li jeżentaw il-pagamenti elettroniċi "giro", sakemm ikun dejjem possibbli li t-trasferiment ta' fondi jiġi traċċat lura sal-pagatur. Madankollu, ma jrid ikun hemm l-ebda eżenzjoni meta jintużaw karta ta' debitu jew kreditu, telefon ċellulari jew apparat diġitali jew tal-IT ieħor li huwa mħallas minn qabel jew li jitħallas wara sabiex jiġi effettwat trasferiment minn persuna għal oħra.

taxxi, multi jew imposti oħra, u trasferimenti ta' fondi fejn kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu forniti tas-servizzi ta' pagament, li jaġixxu f'isimhom stess. Minbarra dan, sabiex ikunu riflessi l-karatteristiċi specjalji tas-sistemi nazzjonali ta' pagament, huwa xieraq li l-Istati Membri jkollhom id-dritt li jeżentaw il-pagamenti elettroniċi "giro", sakemm ikun dejjem possibbli li t-trasferiment ta' fondi jiġi traċċat lura sal-pagatur. Madankollu, **kull eżenzjoni għandha tīgħi riveduta perjodikament, u** ma jrid ikun hemm l-ebda eżenzjoni meta jintużaw karta ta' debitu jew kreditu, telefon ċellulari jew apparat diġitali jew tal-IT ieħor li huwa mħallas minn qabel jew li jitħallas wara sabiex jiġi effettwat trasferiment minn persuna għal oħra.

Or. en

**Emenda 57**  
**Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(10) Sabiex ma jkunx hemm xkiel għall-effiċjenza tas-sistemi ta' pagament, ir-rekwizitti għall-verifikasi ta' trasferimenti ta' fondi magħmula minn kont bankarju għandhom ikunu distinti minn dawk għal trasferimenti ta' fondi mhux magħmula minn kont bankarju. Sabiex ikunu bbilanċjati r-riskji li t-tranżazzjonijiet jibdew isiru bil-moħbi, minħabba l-impożizzjoni ta' rekwizitti eċċessivament stretti ta' identifikazzjoni, mat-theddida terroristika potenzjali ppreżentata minn trasferimenti żgħar ta' fondi, l-obbligu li jiġi verifikat jekk l-informazzjoni dwar il-pagatur hijiex preċiża, fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi li ma jsirux minn kont bankarju, għandu jkun applikat biss*

*Emenda*

*imħassar*

*fuq trasferimenti ta' fondi individuali ta'  
aktar minn EUR 1 000. Għal  
trasferimenti ta' fondi mwettqa minn kont  
bankarju, il-fornituri tas-servizzi ta'  
pagament ma għandhomx ikunu  
meħtieġa jivverifikaw l-informazzjoni  
dwar il-pagatur li takkumpanja kull  
trasferiment ta' fondi fejn l-obbligi taħt  
id-Direttiva [xxxx/yyyy] ikunu ssodisfati.*

Or. pl

### *Ġustifikazzjoni*

*Mill-perspettiva ta' attivitajiet operazzjonali, l-istabbiliment ta' limitu għad-deroga jintroduċi kumplessità mhux meħtieġa u jista' ma jkunx effettiv. It-tnejhija tal-limitu jwessa' l-ambitu tal-pagamenti verifikati taħt il-proċedura normali u fl-istess waqt jiżgura monitoraġġ aktar effettiv tat-tranżazzjonijiet għal ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u jiffaċilita kwalunkwe xogħol analitiku minn FIUs.*

## **Emenda 58** **Kyriacos Trianaphyllides**

### **Proposta għal regolament** **Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Sabiex l-awtoritajiet responsabbi mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu f'pajjiżi terzi jkunu jistgħu jittraċċaw is-sors ta' fondi użati għal dawk l-għanijiet, it-trasferimenti ta' fondi mill-Unjoni 'l barra mill-Unjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju. Dawk ***l-awtorijiet*** għandhom jingħataw aċċess għal informazzjoni kompleta dwar il-pagatur biss għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, u ***undividwazzjoni*** ta' ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

*Emenda*

(12) Sabiex l-awtoritajiet responsabbi mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu f'pajjiżi terzi jkunu jistgħu jittraċċaw is-sors ta' fondi użati għal dawk l-għanijiet, it-trasferimenti ta' fondi mill-Unjoni 'l barra mill-Unjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju. Dawk ***l-awtoritajiet biss, kif speċifikament maħtura bil-liġi nazzjonali,*** għandhom jingħataw aċċess għal informazzjoni kompleta dwar il-pagatur biss għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, u ***individwazzjoni*** ta' ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu. ***L-ebda awtorità jew parti esterna oħra m'għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni maħżuna mill-fornituri tas-***

*servizz ta' pagament.*

Or. en

**Emenda 59**  
**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(12a) Individwi li għandhom aċċess u li qed ikollhom x'jaqsmu ma' dejta personali tal-pagatur u/jew tal-benefiċjarju għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta, il-kunfidenzjalità u s-sigurtà u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn jingħataw taħriġ u linji gwida rilevanti speċifiċi.*

Or. en

**Emenda 60**  
**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(12b) Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur, tal-benefiċjarju u tal-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandu jkollhom fis-seħħi miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipproteġu d-dejta personali kontra telf aċċidentalji, alterazzjoni, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat.*

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*L-identifikatur għandu jirrelata ma' katina ta' tranżazzjoni, u mhux tranżazzjoni unika biss. Dan sabiex ma jitnaqqas l-azzjonijiet preventivi għat-trasferiment uniku/tranżazzjoni unika, iżda biex ikun jista' jiġi stabbilit identifikatur uniku tal-pagatur jew tal-benefiċjarju bħala tali.*

### **Emenda 61**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 14**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Sabiex ikun iċċekk jekk l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju takkumpanjax it-trasferimenti tal-fondi, u sabiex tingħata ghajjnuna fl-identifikazzjoni ta' **tranżazzjonijiet** suspettużi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju u l-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandu jkollhom proċeduri effettivi stabbiliti sabiex jindividwaw jekk l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju hijiex nieqsa.

###### *Emenda*

(14) Sabiex ikun iċċekk jekk l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju takkumpanjax it-trasferimenti tal-fondi, u sabiex tingħata ghajjnuna fl-identifikazzjoni ta' **tranżazzjonijiet** suspettużi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju u l-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandu jkollhom proċeduri effettivi stabbiliti sabiex jindividwaw jekk l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju hijiex nieqsa **jew ma tkunx kompleta, b'mod partikolari jekk huma involuti għadd ta' servizzi ta' pagament biex itejbu t-träċċabbiltà tat-trasferimenti ta' fondi.**

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Jekk l-informazzjoni hija nieqsa u/jew ma tkunx kompleta għandu jkollhom l-istess proċedura ta' inadempjenza*

### **Emenda 62**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

## Proposta għal regolament

### Premessa 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Minħabba t-theddida potenzjali tal-finanzjament tat-terroriżmu ppreżentata mit-trasferimenti anonimi, huwa xieraq li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikunu meħtieġa jitbolu informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju. Skont l-aproċċ ibbażat fuq ir-riskju żviluppat mill-FATF, huwa xieraq li jiġu identifikati oqsma ta' riskju ogħla u aktar baxx bil-ħsieb li jiġu immirati aħjar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Skont dan, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur tas-servizz intermedjarju għandhom jistabbilixxu proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju għal każijiet fejn trasferiment ta' fondi jkun nieqes mill-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju, sabiex jiddeċiedu jekk iwettqux, jirrifutawx jew jissospendux dak it-trasferiment u x'azzjoni xierqa ta' segwitu ***tittieħed***. Fil-każ fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun ibbażat barra mit-territorju tal-Unjoni, għandha tiġi applikata b'mod imsaħħaħ id-diliġenza dovuta mal-kliment, ***konformément*** mad-Direttiva [xxxx/ssss], fir-rigward ta' relazzjonijiet bankarji transkonfinali korrispondenti ma' dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament.

*Emenda*

(15) Minħabba t-theddida potenzjali tal-finanzjament tat-terroriżmu ppreżentata mit-trasferimenti anonimi, huwa xieraq li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikunu meħtieġa jitbolu informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju. Skont l-aproċċ ibbażat fuq ir-riskju żviluppat mill-FATF, huwa xieraq li jiġu identifikati oqsma ta' riskju ogħla u aktar baxx bil-ħsieb li jiġu immirati aħjar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Skont dan, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur tas-servizz intermedjarju għandhom jistabbilixxu proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju ***u fuq livell individuali jivvalutaw u jevalwaw ir-riskji*** għal każijiet fejn trasferiment ta' fondi jkun nieqes ***jew ma jkunx komplet*** mill-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju, sabiex jiddeċiedu jekk iwettqux, jirrifutawx jew jissospendux dak it-trasferiment u ***liema mizi kontra l-abbuż bil-ħsieb li jiġi evitat l-użu ħażin u x'azzjoni xierqa ta' segwitu jittieħdu***. Fil-każ fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun ibbażat barra mit-territorju tal-Unjoni, għandha tiġi applikata b'mod imsaħħaħ id-diliġenza dovuta mal-kliment, ***f'konformità*** mad-Direttiva [xxxx/ssss], fir-rigward ta' relazzjonijiet bankarji transkonfinali korrispondenti ma' dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament.

Or. en

### Emenda 63

**Sven Giegold, Rui Tavares**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

## **Proposta għal regolament**

### **Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti ta' fondi fejn informazzjoni dwar il-pagatur tkun nieqsa jew ma tkunx kompleta japplikaw bla ħsara għal kwalunkwe obbligu tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jissospendu u/jew jirrifjutaw trasferimenti ta' fondi li jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili, amministrattiv jew kriminali.

*Emenda*

(17) Id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti ta' fondi fejn informazzjoni dwar il-pagatur tkun nieqsa jew ma tkunx kompleta japplikaw bla ħsara għal kwalunkwe obbligu tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jissospendu u/jew jirrifjutaw trasferimenti ta' fondi li jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili, amministrattiv jew kriminali. ***Il-ħtieġa tal-informazzjoni tal-identità dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju fir-rigward ta' individwi, persuni ġuridiċi, trusts, fondazzjonijiet, mutwalitajiet, azjendi u arranġamenti legali simili oħra eżistenti jew futuri hija fattur ewlieni fl-intraċċar tal-kriminali li altrimenti jista' jkun li jaħbu l-identità tagħhom wara struttura korporattiva.***

Or. en

### **Emenda 64**

#### **Kyriacos Trianaphyllides**

## **Proposta għal regolament**

### **Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Billi f'investigazzjonijiet kriminali jista' jagħti l-każ li ma jkunx possibbli li tīgi identifikata d-dejta meħtieġa jew l-individwi involuti għal ħafna xħur, jew anke snin, wara t-trasferiment oriġinali tal-fondi u sabiex ikun hemm aċċess għal provi essenzjali fil-kuntest tal-investigazzjonijiet, huwa xieraq li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikunu meħtieġa jżommu rekords ta' informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju għal skopijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, u skoperta ta' ħasil tal-flus

*Emenda*

(19) Billi f'investigazzjonijiet kriminali jista' jagħti l-każ li ma jkunx possibbli li tīgi identifikata d-dejta meħtieġa jew l-individwi involuti għal ħafna xħur, jew anke snin, wara t-trasferiment oriġinali tal-fondi u sabiex ikun hemm aċċess għal provi essenzjali fil-kuntest tal-investigazzjonijiet, huwa xieraq li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikunu meħtieġa jżommu rekords ta' informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju għal skopijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, u skoperta ta' ħasil tal-flus

jew il- finanzjament tat-terroriżmu. Dan il- perjodu għandu jkun limitat.

jew il- finanzjament tat-terroriżmu. Dan il- perjodu għandu jkun limitat *minħabba li informazzjoni dwar il-pagatur u/jew il- beneficijarju m'għandhiex tinżamm aktar milli huwa strettamente meħtieġ, u meta jiskadi dan il-perjodu, id-dejta personali għandha titħassar.*

Or. en

**Emenda 65**  
**Sławomir Nitras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) “trasferiment ta’ fondi” tfisser kwalunkwe tranżazzjoni li ssir b’mezzi elettroniċi f’isem pagatur permezz ta’ fornitur tas-servizzi ta’ pagament, bil-għan li l-fondi jkunu disponibbli għall-benefiċjarju permezz ta’ fornitur tas-servizzi ta’ pagament, irrispettivament jekk il-pagatur u l-benefiċjarju humiex l-istess persuna;

*Emenda*

(7) “trasferiment ta’ fondi” tfisser kwalunkwe tranżazzjoni li ssir b’mezzi elettroniċi f’isem pagatur permezz ta’ fornitur tas-servizzi ta’ pagament, bil-għan li l-fondi jkunu disponibbli għall-benefiċjarju permezz ta’ fornitur tas-servizzi ta’ pagament, *b’mod partikolari “servizzi ta’ rimessa ta’ flus” u “debitu dirett” fis-sens tad-Direttiva 2007/64/KE,* irrispettivament jekk il-pagatur u l-benefiċjarju humiex l-istess persuna;

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjonijiet għandhom jiġu armonizzati ma’ dawk fid-Direttiva 2007/64/KE. Hemm ħtieġa għal ċarezza fit-tifsira ta’ “trasferiment ta’ fondi” għaliex din mhux definita fid-Direttiva dwar is-Servizzi ta’ Ħlas (2007/64/KE). Jekk l-ġħan tar-Regolament huwa li jkopri firxa wiesgħa kemm jista’ jkun ta’ trasferimenti funzjonalment simili, dan għandu jinkludi referenza għad-definizzjoni fid-Direttiva 2007/64/KE.*

**Emenda 66**  
**Sven Giegold, Rui Tavares**  
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) “identifikatur uniku **tat-tranżazzjoni**” tfisser kombinazzjoni ta’ ittri **jew** simboli stabbiliti mill-fornitur tas-servizzi ta’ pagament, b’konformità mal-protokolli tas-sistemi ta’ pagament u saldu jew sistemi ta’ messaġġi użati għat-trasferiment tal-fond, li tippermetti **t-traċċabilità** tat-tranżazzjoni lura lill-pagatur u lill-benefiċjarju;

*Emenda*

(9) “identifikatur uniku” tfisser kombinazzjoni ta’ ittri, **numri u/jew** simboli stabbiliti mill-fornitur tas-servizzi ta’ pagament, b’konformità mal-protokolli tas-sistemi ta’ pagament u saldu jew sistemi ta’ messaġġi użati għat-trasferiment tal-fond, li tippermetti **t-traċċabbiltà** tat-tranżazzjoni lura lill-pagatur u lill-benefiċjarju;

Or. en

**Emenda 67**  
**Judith Sargentini, Rui Tavares, Sven Giegold**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Protezzjoni tad-dejta**

**1. Rigward l-ipproċessar tad-dejta personali fil-qafas ta’ dan ir-Regolament, il-fornituri tas-servizzi ta’ pagament għandhom iwettqu l-kompli tagħhom għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament skont il-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE.**

**2. Il-fornituri tas-servizzi ta’ pagament għandhom jiżguraw li d-dejta miżmuma skont dan ir-Regolament tintuża biss għall-iskopijiet deskritt i fih u li fl-ebda każ ma tintuża għal skopijiet kummerċjali.**

**3. Awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta għandu jkollhom is-setgħat, inklużi setgħat indiretti tal-aċċess, biex jinvestigaw, jew ex officio jew abbażi ta’ lment, kwalunkwe talba fir-rigward ta’ problemi fl-ipproċessar tad-dejta**

*personalni. Din għandha tinkludi b'mod partikolari aċċess għall-fajl tad-dejta tal-fornitur tas-servizzi tal-pagatur u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.*

Or. en

**Emenda 68**  
**Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 1 – parti introduttora**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament ma japplikax għal trasferimenti ta' fondi li jsiru permezz ta' karta ta' kreditu jew debitu, jew telefon ċellulari jew apparat diġitali jew ta' teknoloġija tal-informatika (IT) ieħor, meta l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

*Emenda*

Dan ir-Regolament ma japplikax għal trasferimenti ta' fondi li jsiru permezz ta' karta ta' kreditu jew debitu, jew telefon ċellulari jew apparat diġitali jew ta' teknoloġija tal-informatika (IT) ieħor **kif definit fid-Direttiva 2013/0264**, meta l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

Or. pl

**Emenda 69**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(a) il-kard jew apparat jintuża' biex jitħallsu prodotti u servizzi;*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

**Emenda 70**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ***in-numru*** tal-kard jew apparat ***imsemmija hawn fuq*** jakkumpanja t-trasferimenti kollha li joħorġu minn din it-tranżazzjoni.

*Emenda*

(b) ***I-identifikatur uniku tad-detentur*** tal-kard jew apparat jakkumpanja t-trasferimenti kollha li joħorġu minn din it-tranżazzjoni.

Or. en

### **Emenda 71**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Eva Joly**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Madankollu, dan ir-Regolament japplika meta karta ta' kreditu jew ta' debitu, jew telefon ċellulari, jew kwalunkwe apparat diġitali jew tal-IT ieħor jintuża sabiex jiġi effettwat trasferiment ta' fondi minn persuna għal oħra.

*Emenda*

Madankollu, dan ir-Regolament japplika meta karta ta' kreditu jew ta' debitu, jew telefon ċellulari, ***flus elettroniċi*** jew kwalunkwe apparat diġitali jew tal-IT ieħor ***imħallas minn qabel jew li jitħallas wara,*** jintuża sabiex jiġi effettwat trasferiment ta' fondi minn persuna għal oħra.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'korrispondenza mal-Premessa 9, imma mħollija barra fl-Artikolu, l-emenda trendi l-kamp ta' applikazzjoni aktar komplet u r-Regolament kollu kemm hu aktar koerenti*

### **Emenda 72**

**Slawomir Nitras**

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Madankollu, dan ir-Regolament japplika meta karta ta' kreditu jew ta' debitu, jew telefon ċellulari, jew kwalunkwe apparat diġitali jew tal-IT ieħor jintuża sabiex jiġi effettuat trasferiment ta' fondi minn persuna għal oħra.

*Emenda*

Madankollu, dan ir-Regolament japplika meta karta ta' kreditu jew ta' debitu, jew telefon ċellulari, jew kwalunkwe apparat diġitali jew tal-IT ieħor jintuża sabiex jiġi effettuat trasferiment ta' fondi minn persuna għal oħra. ***Ir-Regolament japplika wkoll f'kull każ għal tranżazzjonijiet fejn minn tal-anqas wieħed mill-partijiet għat-tranżazzjoni huwa l-konsumatur.***

Or. pl

**Emenda 73**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(b) in-numru tal-kont tal-pagatur, fejn tali kont huwa użat biex jiġi pproċessat it-trasferiment tal-fondi, jew identifikatur uniku ***tat-tranżazzjoni*** fejn l-ebda tali kont ma jkun użat għal dak il-għan;

*Emenda*

(b) in-numru tal-kont tal-pagatur, fejn tali kont huwa użat biex jiġi pproċessat it-trasferiment tal-fondi, jew identifikatur uniku fejn l-ebda tali kont ma jkun użat għal dak il-għan;

Or. en

**Emenda 74**

**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(c) l-indirizz tal-pagatur, jew numru ***tal-identità nazzjonali, jew numru*** ta' identifikazzjoni tal-klijent, jew id-data u l-post tat-twelid.

*Emenda*

(c) l-indirizz tal-pagatur, jew numru ta' identifikazzjoni tal-klijent, jew id-data u l-post tat-twelid.

Or. en

**Emenda 75**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-indirizz tal-pagatur, *jew* numru ***tal-identità nazzjonali, jew numru ta'*** identifikazzjoni tal-klijent, *jew id-data u l-post tat-twelid.*

*Emenda*

(c) l-indirizz tal-pagatur, numru ta' identifikazzjoni tal-klijent, *jew id-data u l-post tat-twelid.*

Or. en

**Emenda 76**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Qabel jittrasferixxi l-fondi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 abbażi tad-dokumenti, tad-dejta u tal-informazzjoni miksuba minn sors affidabbli u indipendenti.

*Emenda*

3. Qabel jittrasferixxi l-fondi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni ***kompleta*** msemmija fil-paragrafu 1 abbażi tad-dokumenti, tad-dejta u tal-informazzjoni miksuba minn sors affidabbli u indipendenti.

Or. en

**Emenda 77**  
**Mojca Kleva Kekuš**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Qabel jittrasferixxi l-fondi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 abbażi tad-dokumenti, tad-dejta u tal-informazzjoni miksuba minn sors affidabbli u indipendentni.

*Emenda*

3. Qabel jittrasferixxi l-fondi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur **għandu japplika miżuri ta' diliġenza dovuta skont id-Direttiva (xxxx/ssss) u** jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 abbażi tad-dokumenti, tad-dejta u tal-informazzjoni miksuba minn sors affidabbli u indipendentni.

Or. en

**Emenda 78**  
Slawomir Niras

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**5. Madankollu, b'deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi li ma jsirux minn kont, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ma jivverifikax l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jekk l-ammont ma jaqbiżx l-EUR 1 000 u ma jidhirx li hu marbut ma' trasferimenti oħra ta' fondi li, flimkien mat-trasferiment inkwistjoni jaqbżu l-EUR 1 000.**

*Emenda*

*imħassar*

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Mill-perspettiva ta' attivitajiet operazzjonali, l-istabbiliment ta' limitu għad-deroga minn paragrafu 3 jintroduċi kumplessità mhux meħtieġa u jista' ma jkunx effettiv. It-tnejħha jaġi tħalli l-limitu jwessa' l-ambitu tal-pagamenti verifikati taħt il-proċedura normali u fl-istess waqt jiżgura monitoraġġ aktar effettiv tat-tranżazzjonijiet għal ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u jiffaċilita kwalunkwe xogħol analitiku minn FIUs.*

**Emenda 79**  
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 5*

*imħassar*

**Trasferimenti ta' fondi fl-Unjoni**

*1. B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta' pagament ta' kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta' fondi jiġu pprovduti biss in-numru tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni tiegħu .*

*2. Minkejja l-paragrafu 1, min-naħa tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur, fuq talba mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jew il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament, tkun disponibbli l-informazzjoni dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju skont l-Artikolu 4, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta jirċievi dik it-talba.*

Or. fr

**Emenda 80**  
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 5*

*imħassar*

**Trasferimenti ta' fondi fl-Unjoni**

*1. B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta' pagament ta' kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju*

*jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta' fondi jiġu pprovdu biss in-numru tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni tiegħu*

*2. Minkejja l-paragrafu 1, min-naħħa tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur, fuq talba mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jew il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament, tkun disponibbli l-informazzjoni dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju skont l-Artikolu 4, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta jirċievi dik it-talba.*

Or. fr

**Emenda 81**  
**Mojca Kleva Kekuš**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta’ pagament ta’ kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta’ fondi jiġu pprovdu biss in-numru tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni ***tiegħu***.

*Emenda*

1. B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta’ pagament ta’ kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta’ fondi jiġu pprovdu biss in-numru tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni.

Or. en

**Emenda 82**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta’ pagament ta’ kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta’ fondi jiġu pprovduti **biss in-numru** tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku **tat-tranżazzjoni** tiegħu .

*Emenda*

1. B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta’ pagament ta’ kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta’ fondi jiġu pprovduti ***I-isem u n-numru*** tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tiegħu .

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-għan espress tal-proposta; it-titjib tat-tracċċabbiltà tal-pagamenti u l-aċċess għall-informazzjoni bażika, u l-informazzjoni bażika hija l-isem flimkien man-numru tal-kont jew l-identifikatur uniku u għandhom ikunu dejjem esposti. Din il-kombinazzjoni tagħti informazzjoni aktar preċiża, u għandha tintwera flimkien għall-effiċjenza u l-eżattezza mill-fornitur tas-servizz.*

**Emenda 83**

**Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta’ pagament ta’ kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta’ fondi jiġu pprovduti biss **in-numru** tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni tiegħu .

*Emenda*

1. B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur(i) tas-servizz ta’ pagament ta’ kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu stabbiliti fl-Unjoni, fil-ħin tat-trasferiment ta’ fondi jiġu pprovduti biss ***I-isem sħiħ tal-prinċipali u n-numru*** tal-kont tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni tiegħu.

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*L-ambitu tal-informazzjoni meħtieġa għandu jitwessa’. Mhux mixtieq li jkun hemm sitwazzjoni fejn banek, li jiksbu minn banek oħra numri tal-kont biss jew identifikaturi ta’ tranżazzjonijiet uniċi, ma jkunux jistgħu jivverifikaw min qed jibgħat it-trasferiment, li huwa importanti fil-kuntest tal-objettivi tar-Regolament. Ir-rekord oriġinali jippermetti lill-bank ta’ min qed jibgħat biex jiprovo informazzjoni dwar il-prinċipali, iżda dan rari jseħħi minħabba*

*li trid titħallas miżata għal mistoqsija bis-SWIFT.*

**Emenda 84**  
**Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Id-deroga minn paragrafu 1 għandha tkun applikabbli biss fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi fil-munita ta' wieħed mill-Istati Membri.*

Or. pl

**Emenda 85**  
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Trasferimenti barra l-Unjoni

Trasferimenti *ta' fondi fl-Unjoni u* barra l-Unjoni

Or. fr

**Emenda 86**  
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Trasferimenti barra l-Unjoni

Trasferimenti *ta' fondi fl-Unjoni u* barra l-Unjoni

Or. fr

**Emenda 87**  
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' lottijiet skedati minn pagatur uniku fejn il-fornituri tas-servizz ta' pagament tal-benefiċjarji jinsabu barra mill-Unjoni, l-Artikolu 4(1) u (2) ma japplikax għat-trasferimenti individwali miġbura flimkien fihom, sakemm il-lott skedat ikun jinkludi dik l-informazzjoni **imsemmija** f'dak l-Artikolu u t-trasferimenti individwali jkunu akkumpanjati min-numru tal-kont tal-pagatur jew **mill- identifikatur** uniku tiegħu.

*Emenda*

1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' lottijiet skedati minn pagatur uniku fejn il-fornituri tas-servizz ta' pagament tal-benefiċjarji jinsabu **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, l-Artikolu 4(1) u (2) ma japplikax għat-trasferimenti individwali miġbura flimkien fihom, sakemm il-lott skedat ikun jinkludi dik l-informazzjoni **msemmija** f'dak l-Artikolu u t-trasferimenti individwali jkunu akkumpanjati min-numru tal-kont tal-pagatur jew **mill-identifikatur** uniku tiegħu.

Or. fr

**Emenda 88**  
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' lottijiet skedati minn pagatur uniku fejn il-fornituri tas-servizz ta' pagament tal-benefiċjarji jinsabu barra mill-Unjoni, l-Artikolu 4(1) u (2) ma japplikax għat-trasferimenti individwali miġbura flimkien fihom, sakemm il-lott skedat ikun jinkludi dik l-informazzjoni **imsemmija** f'dak l-Artikolu u t-trasferimenti individwali jkunu akkumpanjati min-numru tal-kont tal-pagatur jew **mill- identifikatur** uniku tiegħu.

*Emenda*

1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' lottijiet skedati minn pagatur uniku fejn il-fornituri tas-servizz ta' pagament tal-benefiċjarji jinsabu **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, l-Artikolu 4(1) u (2) ma japplikax għat-trasferimenti individwali miġbura flimkien fihom, sakemm il-lott skedat ikun jinkludi dik l-informazzjoni **msemmija** f'dak l-Artikolu u t-trasferimenti individwali jkunu akkumpanjati min-numru tal-kont tal-pagatur jew **mill-identifikatur** uniku tiegħu.

**Emenda 89**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' lottijiet skedati minn pagatur uniku fejn il-fornituri tas-servizz ta' pagament tal-benefiċjarji jinsabu barra mill-Unjoni, l-Artikolu 4(1) u (2) ma japplikax għat-trasferimenti individwali miġbura flimkien fihom, sakemm il-lott skedat ikun jinkludi dik l-informazzjoni ***imsemmija*** f'dak l-Artikolu u t-trasferimenti individwali jkunu akkumpanjati min-numru tal-kont tal-pagatur jew ***mill- identifikatur*** uniku tiegħu.

*Emenda*

1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' lottijiet skedati minn pagatur uniku fejn il-fornituri tas-servizz ta' pagament tal-benefiċjarji jinsabu barra mill-Unjoni, l-Artikolu 4(1) u (2) ma japplikax għat-trasferimenti individwali miġbura flimkien fihom, sakemm il-lott skedat ikun jinkludi dik l-informazzjoni ***msemmija*** f'dak l-Artikolu u t-trasferimenti individwali jkunu akkumpanjati ***mill-isem u*** min-numru tal-kont tal-pagatur jew ***mill-identifikatur*** uniku tiegħu.

Or. en

**Emenda 90**

**Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2. B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jkun stabbilit barra mill-Unjoni, it-trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas ikunu akkumpanjati biss minn:**

- (a) l-isem tal-pagatur;**
- (b) l-isem tal-benefiċjarju;**
- (c) in-numru tal-kont kemm tal-pagatur**

*Emenda*

***imħassar***

*kif ukoll tal-benefiċjarju jew l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni.*

*Din l-informazzjoni m'hemmx għalfejn tīgħi verifikata għall-preċiżjoni, sakemm ma jkunx hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.*

Or. pl

### *Ġustifikazzjoni*

*Mill-perspettiva ta' attivitajiet operazzjonali, l-istabbiliment ta' limitu għar-rekwiżit ta' informazzjoni limitata jintroduċi kumplessità mhux meħtieġa u jista' ma jkunx effettiv. It-tnejha tal-limitu jwessa' l-ambitu tal-pagamenti verifikati taħt il-proċedura normali u fl-istess waqt jiżgura monitoraġġ aktar effettiv tat-tranżazzjonijiet għal ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u jiffaċilita kwalunkwe xogħol analitiku minn FIUs.*

## **Emenda 91** **Jean-Paul Gauzès**

### **Proposta għal regolament** **Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttora**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jkun stabbilit barra mill-Unjoni, it-trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas ikunu akkumpanjati biss minn:

#### *Emenda*

B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jkun stabbilit **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, it-trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas ikunu akkumpanjati biss minn:

Or. fr

## **Emenda 92** **Sylvie Goulard**

### **Proposta għal regolament** **Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttora**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-

#### *Emenda*

B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-

benefiċjarju jkun stabbilit barra mill-Unjoni, it-trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas ikunu akkumpanjati biss minn:

benefiċjarju jkun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni, it-trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas ikunu akkumpanjati biss minn:

Or. fr

### Emenda 93

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttora

*Test propost mill-Kummissjoni*

B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur tas-servizzi ta’ pagament tal-benefiċjarju jkun stabbilit barra mill-Unjoni, it-trasferimenti ta’ fondi li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas ikunu akkumpanjati ***biss*** minn:

*Emenda*

B’deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), meta l-fornitur tas-servizzi ta’ pagament tal-benefiċjarju jkun stabbilit barra mill-Unjoni, it-trasferimenti ta’ fondi li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas ikunu akkumpanjati minn:

Or. en

### Emenda 94

**Sven Giegold, Rui Tavares**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) in-numru tal-kont kemm tal-pagatur kif ukoll tal-benefiċjarju jew l-identifikatur uniku ***tat-tranżazzjoni***.

*Emenda*

(c) in-numru tal-kont kemm tal-pagatur kif ukoll tal-benefiċjarju jew l-identifikatur uniku ***tagħhom***.

Or. en

### Emenda 95

**Sven Giegold, Rui Tavares**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jinnota jekk is-segmenti li jirrigwardaw l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju fis-sistema ta' messaġġi jew fis-sistema ta' pagament u saldu li tintuża sabiex isir it-trasferiment ta' fondi, ikunux imtlew bl-użu tal-karattri jew inputs ammissibbli skont il-prattika ta' dik is-sistema.

*Emenda*

1. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jinnota jekk is-segmenti li jirrigwardaw l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju fis-sistema ta' messaġġi jew fis-sistema ta' pagament u saldu li tintuża sabiex isir it-trasferiment ta' fondi, ikunux imtlew bl-użu tal-karattri jew inputs ammissibbli **għall-proċeduri interni kontra l-abbuż stabbiliti abbażi tar-riskju** skont il-prattika ta' dik is-sistema.

Or. en

**Emenda 96  
Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(a) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun jinsab fl-Unjoni, l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 5;*

*Emenda*

*imħassar*

Or. fr

**Emenda 97  
Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(a) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun jinsab fl-Unjoni, l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 5;*

*imħassar*

Or. fr

**Emenda 98**

**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) **jew**, fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 14;*

*(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) **u** fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 14;*

Or. fr

**Emenda 99**

**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) **jew**, fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa skont l-*

*(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) **u** fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa taħt l-*

Artikolu 14;

Artikolu 14;

Or. fr

**Emenda 100**  
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

*Emenda*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

Or. fr

**Emenda 101**  
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

*Emenda*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

Or. fr

**Emenda 102**  
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għal trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal aktar minn EUR 1 000, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jivverifika l-identità tal-benefiċjarju jekk l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx digħi għiet ivverifikata.

*Emenda*

3. Għal trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal aktar minn EUR 1 000, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jivverifika l-identità tal-benefiċjarju jekk l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx digħi għiet ivverifikata.

Or. fr

**Emenda 103  
Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għal trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal aktar minn EUR 1 000, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jivverifika l-identità tal-benefiċjarju jekk l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx digħi għiet ivverifikata.

*Emenda*

3. Għal trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal aktar minn EUR 1 000, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jivverifika l-identità tal-benefiċjarju jekk l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx digħi għiet ivverifikata.

Or. fr

**Emenda 104  
Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propos mill-Kummissjoni*

3. Għal trasferimenti ta' fondi ***li jammontaw għal aktar minn EUR 1 000, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jivverifika l-identità tal-benefiċjarju jekk l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx digħi għiet ivverifikata.***

*Emenda*

3. Għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jivverifika l-identità tal-benefiċjarju jekk l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx digħi għiet ivverifikata.

Or. pl

**Emenda 105**

**Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 4**

*Test propos mill-Kummissjoni*

***4. Għal trasferimenti li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju ma għandux għalfejn jivverifika l-informazzjoni dwar il-pagatur, sakemm ma jkunx hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.***

*Emenda*

***imħassar***

Or. pl

**Emenda 106**

**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 4**

*Test propos mill-Kummissjoni*

4. Għal trasferimenti li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas, fejn il-fornitur tas-

*Emenda*

4. Għal trasferimenti li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas, fejn il-fornitur tas-

servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju ma għandux ġhalfejn jivverifika l-informazzjoni dwar il-pagatur, sakemm ma jkunx hemm suspectt ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju ma għandux ġhalfejn jivverifika l-informazzjoni dwar il-pagatur, sakemm ma jkunx hemm suspectt ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

Or. fr

### Emenda 107

Sylvie Goulard

#### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

*Test propos mill-Kummissjoni*

4. Għal trasferimenti li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju ma għandux ġhalfejn jivverifika l-informazzjoni dwar il-pagatur, sakemm ma jkunx hemm suspectt ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

*Emenda*

4. Għal trasferimenti li jammontaw għal EUR 1 000 jew inqas, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju ma għandux ġhalfejn jivverifika l-informazzjoni dwar il-pagatur, sakemm ma jkunx hemm suspectt ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

Or. fr

### Emenda 108

Sven Giegold, Rui Tavares  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jistabbilixxi proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju biex jiddeterminaw meta jiġi eżegwit, irrifjutat jew sospiż trasferiment ta' fondi minħabba nuqqas ta'

*Emenda*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jistabbilixxi proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju biex jiddeterminaw meta jiġi eżegwit, irrifjutat jew sospiż trasferiment ta' fondi minħabba nuqqas ta'

informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju u dwar azzjoni ta' segwitu xierqa.

informazzjoni **kompleta** meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju u dwar azzjoni ta' segwitu xierqa.

Or. en

### Emenda 109

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagraphu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Jekk** il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju **jsir jaf**, meta jirċievi trasferimenti ta' fondi, li l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju meħtieġa skont l-Artikoli 4(1) u (2), 5(1) u 6 hija nieqsa **jew** mhijiex kompleta, dan **jew** jirrifjuta t-trasferiment **jew** jitlob għall-informazzjoni kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju.

*Emenda*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju, meta jirċievi trasferimenti ta' fondi, **irid jagħmel l-linkjesti meħtieġa** li l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju meħtieġa skont l-Artikoli 4(1) u (2), 5(1) u 6 hija **la** nieqsa **u lanqas mhux kompleta**. **Jekk** mhijiex kompleta, dan jirrifjuta t-trasferiment **u** jitlob għall-informazzjoni kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju **biex jipproċedi t-trasferiment**.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bidla teknika. Konsistenza mal-Artikolu 12; informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta għandha l-istess proċedura*

### Emenda 110

**Emine Bozkurt**

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Fi kwalunkwe każ, il-fornitur tas-servizz ta' pagament tal-pagatur u l-**

*fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jkun konformi ma' kwalunkwe liġi applikabbli jew dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari d-Direttiva (xxxx/ssss), ir-Regolament (KE) Nru 2580/2001, ir-Regolament (KE) Nru 881/2002.*

Or. en

### **Emenda 111**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagraphu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jonqos regolarment milli jagħti l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jieħu passi, li ġhall-ewwel jistgħu jinkludu l-ħruġ ta' twissijiet u l-istipular ta' skadenzi, qabel jiirrifjuta kwalunkwe trasferimenti futuri ta' fondi mingħand dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew jiddeċiedi jekk jirrestrinġix jew itemm ir-relazzjoni ta' negozju tiegħu ma' dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew le.

*Emenda*

Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jonqos regolarment milli jagħti l-informazzjoni meħtieġa **kompleta** dwar il-pagatur, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jieħu passi, li ġħall-ewwel jistgħu jinkludu l-ħruġ ta' twissijiet u l-istipular ta' skadenzi, qabel jiirrifjuta kwalunkwe trasferimenti futuri ta' fondi mingħand dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew jiddeċiedi jekk jirrestrinġix jew itemm ir-relazzjoni ta' negozju tiegħu ma' dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew le.

Or. en

### **Emenda 112**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jikkunsidra informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju bħala fattur fil-valutazzjoni ta' jekk it-trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe tranżazzjoni relatata, hijiex suspettuża, u jekk għandhiex tīgħi rappurtata lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja.

*Emenda*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju, **skont il-proċeduri bbażati fuq ir-riskju tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament**, jikkunsidra informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju bħala fattur fil-valutazzjoni ta' jekk it-trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe tranżazzjoni relatata, hijiex suspettuża, u jekk għandhiex tīgħi rappurtata lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja.

Or. en

**Emenda 113**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttiorja**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

2. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jkollu fis-seħħi proċeduri effettivi sabiex jiskopru jekk l-informazzjoni li ġejja dwar il-pagatur u l-benefiċjarju tkunx nieqsa:

*Emenda*

2. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jkollu fis-seħħi proċeduri effettivi sabiex jiskopru jekk l-informazzjoni li ġejja dwar il-pagatur u l-benefiċjarju tkunx nieqsa **jew mhux kompleta**:

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bidla teknika. Konsistenza mal-Artikolu 12. informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta għandha l-istess proċedura*

**Emenda 114**

**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(a) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun jinsab fl-Unjoni, l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 5;*

*imħassar*

Or. fr

**Emenda 115**

Sylvie Goulard

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(a) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun jinsab fl-Unjoni, l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 5;*

*imħassar*

Or. fr

**Emenda 116**

Jean-Paul Gauzès

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) jew, fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 14;*

*(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit **fl-Unjoni jew** barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) jew, fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 14;*

Or. fr

**Emenda 117**  
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) jew, fejn ikun applikabbi, l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 14;

*Emenda*

(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) jew, fejn ikun applikabbi, l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 14;

Or. fr

**Emenda 118**  
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

*Emenda*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

Or. fr

**Emenda 119**  
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

*Emenda*

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward it-trasferiment ta' lott skedat.

Or. fr

**Emenda 120**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jistabbilixxi proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju biex jiddeterminaw meta jiġi eżegwit, irrifjutat jew sospiż trasferiment ta' fondi minħabba nuqqas ta' informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju u **dwar** azzjoni ta' segwitu xierqa.

*Emenda*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jistabbilixxi proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju biex jiddeterminaw meta jiġi eżegwit, irrifjutat jew sospiż trasferiment **li ma jkunx komplet jew trasferiment** ta' fondi minħabba nuqqas ta' informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju u **jkollu fis-seħħi** azzjoni ta' segwitu xierqa.

Or. en

**Emenda 121**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament jikkunsidra informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju bħala fattur fil-valutazzjoni **ta'**

*Emenda*

Il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament, **f'konformità mal-proċeduri bbażati fuq ir-riskju tiegħu**, jikkunsidra informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta

jejj it-trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe tranżazzjoni relatata, hijiex suspettuża, **u** jejj għandhiex tiġi rappurtata lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja.

dwar il-pagatur u l-benefiċjarju bħala fattur **prestabbilit** fil-valutazzjoni **u** jejj it-trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe tranżazzjoni relatata, hijiex suspettuża, jejj għandhiex tiġi rappurtata lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja.

Or. en

### Emenda 122

**Sven Giegold, Rui Tavares, Eva Joly**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Proposta għal regolament Artikolu 15 – titolu

*Test propos mill-Kummissjoni*

Obbligi ta' kooperazzjoni

*Emenda*

Obbligi ta' kooperazzjoni **u ekwivalenza**

Or. en

### Emenda 123

**Kyriacos Triantaphyllides**

#### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirrispondu b'mod sħiħ u mingħajr dewmien, b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jinsabu fih, għall-mistoqsijiet mill-awtoritajiet responsabbi mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ta' dak l-Istat Membru li jikkonċernaw l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament.

*Emenda*

Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirrispondu b'mod sħiħ u mingħajr dewmien, b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jinsabu fih, **biss** għall-mistoqsijiet mill-awtoritajiet responsabbi mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ta' dak l-Istat Membru **kif maħtura skont il-liġi nazzjonali**, li jikkonċernaw l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament. **L-ebda awtorità jew parti esterna oħra m'għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni maħżuna mill-fornituri tas-servizz ta'**

*pagment.*

Or. en

**Emenda 124**  
**Slawomir Nitras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirrispondu b'mod sħiħ u mingħajr dewmien, b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jinsabu fih, għall-mistoqsijiet mill-awtoritajiet responsabbi mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ta' dak l-Istat Membru li jikkonċernaw l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament.

*Emenda*

Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***u l-fornituri intermedjarji ta' servizzi ta' pagament*** jirrispondu b'mod sħiħ u mingħajr dewmien, b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jinsabu fih, għall-mistoqsijiet mill-awtoritajiet responsabbi mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ta' dak l-Istat Membru li jikkonċernaw l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament.

Or. pl

**Emenda 125**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini, Eva Joly**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-fornituri tas-servizzi ta' pagamenti stabbiliti fl-Unjoni japplikaw dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mas-sussidjarji u mal-fergħat tagħhom li joperaw f'għurisdizzjonijiet barra mill-Unjoni li mhumiex meqjusin ekwivalenti.***

***Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22a***

*fir-rigward tar-rikonoxximent tal-qafas  
legali u superviżorju tal-ġurisdizzjonijiet  
barra mill-Unjoni bħala ekwivalenti għar-  
rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*

Or. en

**Emenda 126**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 15a*

*Trasferiment tad-dejta personali lil pajjiż  
terzi jew organizzazzjonijiet  
internazzjonali*

*It-trasferiment ta' dejta personali lil pajjiż  
terz, jew lil organizzazzjoni  
internazzjonali, li ma jassigurax livell  
adegwat ta' protezzjoni skont l-  
Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE, jista'  
jseħħ biss jekk:*

- miżuri u salvagwardji ta' protezzjoni  
tad-dejta adegwati jidħlu fis-seħħ, u;*
- l-awtorità superviżorja, wara  
valutazzjoni ta' dawn il-miżuri u s-  
salvagwardji, tat awtorizzazzjoni minn  
qabel għat-trasferiment.*

Or. en

**Emenda 127**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-

pagatur u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jżommu rekords tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 għal **ħames snin**. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 14(2) u (3), il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament irid iżomm rekord tal-informazzjoni kollha li jkun irċieva għal **ħames snin**. Malli jiskadi dan il-perjodu, id-dejta personali trid titħassar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali, li tiddetermina taħt liema ċirkostanzi forniture tas-servizzi ta' pagament jistgħu jżommu jew iżommu ulterjurment id-dejta. L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss jekk meħtieġ għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. **Il-perjodu massimu taż-żamma wara t-twettiq tat-trasferiment ta' fondi ma jistax jaqbeż l-għaxar** snin.

pagatur u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jżommu rekords tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 għal **sentejn**. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 14(2) u (3), il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament irid iżomm rekord tal-informazzjoni kollha li jkun irċieva għal **sentejn**. Malli jiskadi dan il-perjodu, id-dejta personali trid titħassar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali, li tiddetermina taħt liema ċirkostanzi forniture tas-servizzi ta' pagament jistgħu jżommu jew iżommu ulterjurment id-dejta. L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss jekk meħtieġ għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu **u jekk l-estensjoni tal-perjodu taż-żamma wara t-twettiq tat-trasferiment ta' fondi ma jistax jaqbeż l-għaxar** snin.

Or. en

## Emenda 128 Kyriacos Triantaphyllides

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jżommu rekords tal-informazzjoni msemmija **fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7** għal ħames snin. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 14(2) u (3), il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament irid iżomm rekord tal-informazzjoni kollha li jkun irċieva għal ħames snin. Malli jiskadi dan il-perjodu, id-dejta personali trid titħassar, **sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali, li tiddetermina taħt liema**

*Emenda*

**Informazzjoni dwar il-pagatur u/jew il-benefiċjarju m'għandhiex tinżamm aktar milli strettament meħtieġ;** Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jżommu rekords tal-informazzjoni msemmija **fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7** għal **perjodu massimu ta'** ħames snin. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 14(2) u (3), il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament irid iżomm rekord tal-informazzjoni kollha li jkun irċieva għal ħames snin. Malli jiskadi dan il-perjodu,

*ċirkostanzi fornituri tas-servizzi ta'*  
*pagament jistgħu jżommu jew iżommu*  
*ulterjurment id-dejta.* L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss jekk meħtieġ għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Il-perjodu massimu taż-żamma wara t-twettiq tat-trasferiment ta' fondi ma jistax jaqbeż l-ġħaxar snin.

id-dejta personali trid titħassar. L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss *f'sitwazzjonijiet eċċeżżjonali li huma ġustifikati u motivati kif xieraq u biss* jekk meħtieġ għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Il-perjodu massimu taż-żamma wara t-twettiq tat-trasferiment ta' fondi ma jistax jaqbeż l-ġħaxar snin.

Or. en

**Emenda 129**  
**Sven Giegold, Rui Tavares**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jżommu rekords tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 għal ħames snin. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 14(2) u (3), il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament irid iżomm rekord tal-informazzjoni kollha li jkun irċieva għal ħames snin. Malli jiskadi dan il-perjodu, id-dejta personali trid titħassar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali, li tiddetermina taħt liema ċirkostanzi fornituri tas-servizzi ta' pagament jistgħu jżommu jew iżommu ulterjurment id-dejta. L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss jekk meħtieġ għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Il-perjodu massimu taż-żamma wara t-twettiq tat-trasferiment ta' fondi ma jistax jaqbeż l-

*Emenda*

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jżommu rekords tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 għal ħames snin. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 14(2) u (3), il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament irid iżomm rekord tal-informazzjoni kollha li jkun irċieva għal ħames snin. Malli jiskadi dan il-perjodu, id-dejta personali trid titħassar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali, li tiddetermina taħt liema ċirkostanzi fornituri tas-servizzi ta' pagament jistgħu jżommu jew iżommu ulterjurment id-dejta. L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss jekk meħtieġ għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Il-perjodu massimu taż-żamma wara t-twettiq tat-trasferiment ta' fondi ma jistax jaqbeż l-

għaxar snin.

għaxar snin u l-ħażna tad-dejta personali  
għandha tikkonforma mal-liġi nazzjonali  
li timplejxa d-Direttiva 95/46/KE.

Or. en

**Emenda 130**  
**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur, tal-benefiċjarju u tal-fornituri tas-servizzi intermedjarji għandu jkollhom fis-seħħi miziuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipproteġġu d-dejta personali kontra l-qirda illegali jew telf aċċidental, alterazzjoni, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat.*

Or. en

**Emenda 131**  
**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 16 – paragrafu 1b (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-informazzjoni miġbura dwar il-pagatur u/jew il-benefiċjarju mill-fornituri tas-servizzi tal-pagament tal-pagatur, il-benefiċjarju u l-fornituri tas-servizzi tal-pagament intermedjarji, għandha titħassar wara li jiskadi l-perjodu taż-żamma.*

Or. en

**Emenda 132**  
**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 16a*

***Kunfidenzjalità u sigurtà tad-dejta***

*Informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju u l-informazzjoni miġbura għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tkun aċċessibbli biss għall-persuni nominati, kif speċifikat fil-liġi nazzjonali. Individwi li jkollhom aċċess għal u li qed jittrattaw ma' dejta personali tal-pagatur u/jew tal-benefiċjarju, għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-proċessi tad-dejta kif ukoll ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li taħriġ speċifiku dwar il-protezzjoni tad-dejta huwa mogħi lill-individwi li jiġbru u/jew jipproċessaw regolarmen id-dejta personali u li l-linji gwida relevanti sejkunu disponibbli, aċċessibbli u jingħataw lil dawn l-individwi.*

Or. en

**Emenda 133**  
**Sven Giegold, Rui Tavares**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) nuqqas ripetut ta' inklużjoni tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju, bi ksur tal-Artikoli 4, 5 u 6;

(a) nuqqas ripetut ta' inklużjoni tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju **minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi ta' pagament**, bi ksur tal-Artikoli 4, 5 u 6;

**Emenda 134**  
**Slawomir Niras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) nuqqas ripetut ta' inklużjoni tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju, bi ksur tal-Artikoli 4, 5 u 6;

*Emenda*

(a) nuqqas ripetut ***minn fornituri*** ta' ***servizzi ta' pagament*** ta' inklużjoni tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju, bi ksur tal-Artikoli 4, 5 u 6;

Or. pl

**Emenda 135**  
**Slawomir Niras**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) nuqqas serju minn fornituri intermedjarji ta' servizzi ta' pagament li jikkonformaw mal-obbligi skont l-Artikoli 11 u 12;***

Or. pl

**Emenda 136**  
**Rui Tavares, Judith Sargentini**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Is-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi imposti fil-każijiet imsemmija fl-

***L-awtoritatiet kompetenti għandhom jippubblikaw*** is-sanzjonijiet u l-miżuri

Artikoli 17 u 18(1) ***jiġu ppubblikati*** mingħajr dewmien bla bżonn inkluż tagħrif dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli għalihi, sakemm din il-pubblikazzjoni ma tipperikolax l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji.

amministrattivi imposti fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 17 u 18(1) mingħajr dewmien bla bżonn inkluż tagħrif dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli għalihi, sakemm din il-pubblikazzjoni ma tipperikolax l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji ***jekk meħtieġ u proporzjonat wara evalwazzjoni każ b'każ.***

Or. en

### **Emenda 137**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Fejn il-pubblikazzjoni tikkaġuna īxsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw is-sanzjonijiet fuq bażi anonima.*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

### **Emenda 138**

**Slawomir Nitras**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ga (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ga) fil-każ ta' sanzjonijiet amministrattivi imposti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti skont ir-Regolament 2011/0202, trid titqies l-istabilità tas-sistema finanzjarja meta jiġi ddeterminat il-livell tas-sanzjonijiet;*

Or. pl

## *Ġustifikazzjoni*

*Jekk ma jkunx hemm ebda rekwiżit li jillimita l-livell potenzjali ta' sanzjonijiet fil-każ tal-banek, dawn jistgħu, f'każijiet estremi, ikollhom impatt fuq l-istabilità tas-sistema finanzjarja (id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma jistabbilixx ir-regoli li jillimitaw il-livell possibbli ta' sanzjonijiet).*

### **Emenda 139**

**Rui Tavares, Judith Sargentini**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 21 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi sabiex jinkoraġġixxu r-rappurtar ta' ksur ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti.

*Emenda*

1. L-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi sabiex jinkoraġġixxu r-rappurtar ta' ksur ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti. *Miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa għandhom jiġu implimentati biex jipproteġu d-dejta kontra l-qirda aċċidentalji jew illegali, it-telf aċċidentalji, l-alterazzjoni, jew l-iżvelar illegali.*

Or. en

### **Emenda 140**

**Sven Giegold, Rui Tavares, Judith Sargentini**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-protezzjoni xierqa **għall-persuni** li jirrapportaw ksur potenzjali jew reali;

*Emenda*

(b) il-protezzjoni xierqa **għall-informaturi u l-persuni** li jirrapportaw ksur potenzjali jew reali;

Or. en

### **Emenda 141**

**Kyriacos Triantaphyllides**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa  
għall-protezzjoni tad-dejta personali  
kontra l-qirda aċċidentalji jew illegali jew  
telf aċċidentalji, alterazzjoni, żvelar jew  
aċċess mhux awtorizzat.*

Or. en

**Emenda 142**  
**Sven Giegold, Rui Tavares**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 21 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament  
jistabbilixxu proċeduri interni *xierqa* għall-  
impiegati tagħhom sabiex jirrapportaw  
vjolazzjonijiet b'mezz *speċifiku*.

3. Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament  
*b'kooperazzjoni mal-awtoritat jet  
kompetenti* jistabbilixxu proċeduri interni  
għall-impiegati tagħhom sabiex  
jirrapportaw vjolazzjonijiet b'mezz *sigur*.

Or. en

**Emenda 143**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Eva Joly**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 22a*  
*L-eżerċizzju tad-delega*  
*1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati*

*hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett  
għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-  
Artikolu.*

*2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati  
li hemm riferiment għaliha fl-  
Artikolu 15(1a) hi konferita lill-  
Kummissjoni għal żmien indeterminat  
mid-data li hemm riferiment għaliha fl-  
Artikolu 26.*

*3. Id-delega tas-setgħa li hemm riferiment  
għaliha fl-Artikolu 15(1a) tista' tkun  
revokata f'kull ħin mill-Parlament  
Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li  
tirrevoka għandha ttemm id-delega ta'  
setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din  
għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-  
pubblikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni f'Il-  
Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew  
f'data iżżejjed tard speċifikata fih. Ma  
għandhiex taffettwa l-validità ta'  
kwalunkwe att delegat li jkun digħà fis-  
seħħ.*

*4. Hekk kif tadotta att delegat, il-  
Kummissjoni għandha tinnotifikah  
simultanjament lill-Parlament Ewropew u  
lill-Kunsill.*

*5. Att delegat adottat skont l-  
Artikolu 15(1), għandu jidħol fis-seħħ  
biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni  
mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill  
fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att  
lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew  
jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-  
Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-  
tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li  
mhumiex sejrin jogġeżżjonaw. Dan il-  
perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva  
tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

Or. en

**Emenda 144**  
**Mojca Kleva Kekuš**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Ftehimiet ma' territorji jew pajjiżi imsemmija fl-Artikolu 355 tat-Trattat

*Emenda*

Ftehimiet ma' territorji jew pajjiżi ***mhux*** imsemmija fl-Artikolu 355 tat-Trattat

Or. en

**Emenda 145**  
**Sven Giegold, Rui Tavares, Eva Joly**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni tista' tawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jikkonkludi ftehimiet, ma' pajjiż jew territorju li ma jifformax parti mit-territorju tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 355 tat-Trattat, li jinkludu derogi minn dan ir-Regolament, sabiex jippermettu li t-trasferimenti ta' fondi bejn dak il-pajjiż jew territorju u l-Istat Membru konċernat ikunu meqjusa bħala trasferimenti ta' fondi f'dak l-Istat Membru.

*Emenda*

***Mingħajr pregħidizzju għall-Artikolu 15(1a), il-Kummissjoni tista', f'każiġiet ta' ekwivalenza attestata,***  
tawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jikkonkludi ftehimiet, ma' pajjiż jew territorju li ma jifformax parti mit-territorju tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 355 tat-Trattat, li jinkludu derogi minn dan ir-Regolament, sabiex jippermettu li t-trasferimenti ta' fondi bejn dak il-pajjiż jew territorju u l-Istat Membru konċernat ikunu meqjusa bħala trasferimenti ta' fondi f'dak l-Istat Membru.

Or. en